**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 11/11 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 01-12-2011 fis-6.15pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369 | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | | Camilleri Claude | Skuzat |
| | | Darmanin Richard | Prezenti |
| | | Fenech Stephanie | Prezenti sas-7.35pm |
| | | Hales Joseph | Skuzat |
| | | Pace Darrell | Skuzat |
| | | Seychell Anthony | Preżenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Prezenti |
| **Prezenti** | | Assistant Principal Joanne Muscat | |

**Il-laqgha giet aggornata ghall-Hamis 15 ta' Dicembru 2011.** Għax is-Segretarju Eżekuttiv kien indispost.

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | |
|---|---|---|---|---|
| **11. 1.** | | **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti** | | |
| | | Dawn thallew ghal-laqgha li jmiss. | | |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | |
|---|---|---|---|---|
| **11. 2.** | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
| 11. 2. 1 | 10.2.1 | | Is-Sindku informa lil Kunsill li saret spezzjoni tajba ħafna tas-suq għal raba' darba. Huwa spjega kif in-numru 14 is-Sur McKay mill-Belt għadu qatt ma rama. Hu ser jingħata zmien xahar biex dan jarma. Hawn hekk il-Kunsill ġie infurmat li l-qbila ta' l-għalaq li hemm f'Misrah Indipendenza spiċċat u li ser tagħdi f'idejna fl-aħħar tas-sena u wara naturalment ikun jista' jibda ix-xogħol fis-suq. Il-Kunsillier Richard Darmanin informa lil Kunsill li sar qbil li n-numri għandhom isiru barra l-kaxxa biex hekk ikunu jidhru. Għandha isir tabella bl-isem u n-numru rispettiv ta' kull bejjiegħ. Wara li nivverifikaw il-posti kollha li hemm fis-suq, tiġi ppublikata l-lista fil-gazzetta tal-Gvern. Sa issa kull minn kien ilu fuq il-lista għal dawn l-aħħar tlett snin kollha ħadu post. Is-Sindku informa lil Kunsill li nhar l-Erbgħa li ġej ser isir l-aħħar spezzjoni tas-suq. | **Inkarigat** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2. | 2 | | 10.2.2 | Viċi Sindku - Housing Estate Ħal- Tmiem | Il-Viċi Sindku spjegat kif ix-xogħol fuq il-binijiet ser isir biss fuq il-komun minħabba problemi ta' finanzi. Dan kollu skond id-decizjoni tal-Housing Dept. Saret laqgħa mal-kuntattur inkarigat fejn prezenta il-*Bills of Quantities* ta' kif ser isir ix-xogħol fuq 13 il-binja f'Ħal Tmiem u mill-ġimgħa dieħla jibda xogħol. Minħabba li huwa zmien ta' festi il-kuntrattur ser jibda b'xogħol ħafif biex kemm jista' jkun ma jinqalax ħafna trab u sena dieħla jitkompla xogħol. Is-segretarja ġie inkarigat li jinforma lir-residenti. | |
| 11. | 2. | 3 | | 10.2.3 | Sindku - Press Conference f'M'Xlokk | Sindku informa lil Kunsill li nbaghtet risposta li l-minuti ta' din il-laqgħa ser jintbaghtu. | |
| 11. | 2. | 4 | | 10.2.4 | Viċi sindku - Tilqima kontra l-Influenza | Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li tlaqmu 909 persuna. Hawn hekk qam l-argument kif il-*housebounds* ma baqghux f'idejn il-Kunsill. Hija spjegat li din kienet deċizzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa u nfurmat lil Kunsill li meta tkelmet mal-Onor Mario Galea, hu ukoll kien tal-parir li din tibqa tingħata mill-Kunsill tagħna. | |
| 11. | 2. | 5 | | 10.2.8 | Richard Darmanin - City Security | Il-Kunsillier Richard Darmanin informa li Kunsill li saret spezzjoni fuq il-post u li mhux minnhu li trakkijiet ta' l-Arriva ma jagħdux bil-van ta' City Security meta jkun ipparkjat quddiem l-HSBC, għax it-trakkijiet huma l-istess wisa' bħal dawk ta' qabilhom. Il-Kunsill iddeċida li wara il-festi tal-Milied naraw x'jista' isir għax jekk jiċċaqlaq l-isfel minn ta' l-inqas tlett parking bays. | |
| 11. | 2. | 6 | | 10.2.10 | Sindku - Plakka tal-isem ta' Sqaq Triq Luqa Briffa | Sindku spjega lil Kunsill kif il-Viċi Sindku u l Kunsillier Joe Hales għad iridu isibu ftit ħin u morru fuq il-post. | |
| 11. | 2. | 7 | | 10.2.11 | Sindku - Parking space għal mutur fi Triq Mikiel Cachia | Sindku spjega kif wara spezzjoni fuq il-post min-naħa tal-Kunsillier Richard Darmanin, il-Kunsill qabel nem.com li din issir. | Viċi Sindku / Joe Hales |
| 11. | 2. | 8 | | 10.2.12 | Stephanie Fenech - Youth Nursery Marathon | Kunsilliera Stephanie Fenech tagħat spegazzjoni ta' kif ser ikun imqassam il-Christmas Village fi Ġnien San Girgor. Hija infurmat li l-ftuħ ser isir nhar l-Erbgħa 7 ta' Diċembru fejn ser ikun hemm quddiesa fil-5.00pm taħt it-tinda u wara isir il-ftuħ ufficċjali. Hija qalet ukoll li anke sar ftehim mal-pulizija minħabba is-sigurta waqt din il-marathona. Hawn hekk qam l-argument fuq il-Bill Borad tal-Kunsill li xi ftit ġranet ilu tqaċċat il-poster ta' tal-linja 29, u li sa issa għadejja investigazzjoni mill-pulizija. Il-Kunsill qabel nem.com li dan il-Bill Board għandu jibqa għal uzu esklussiv tal-Kunsill. | Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2. | 9 | | 10.2.13 | Sindku - Child Day Care Centre | Sindku informa lil Kunsill li fuq il-kwistjoni tal-lift tac-Child Day Care Centre ser ikollna laqgħa mal-KNDP. | |
| 11. | 2. | 10 | | 10.2.14 | Sindku - Qtates jiġru barra toroq | Il-Kunsill qabel nem.com li barra l-problema bil-hmieg tal-klieb ghandna wkoll problema fejn tidħol il-kwistjoni tal-qtates jiġru barra. Il-Kunsilliera Lisa Wille Piscopo issuġġerit li jsir l-bins għal ħmieġ tal-klieb għax sostniet li l-problema qegħda ukoll fuq il-klieb iħamġu barra. Nindagaw kif nistghu nikkontrollaw. | |
| 11. | 2. | 11 | | 10.2.15 | Sindku - Flood lights | Sindku rrapporta li l-flood lights tal-Knisja tal-Hniena li kellna mitfija issa nxtegħlu. | |
| 11. | 2. | 12 | | 10.2.16 | Sindku - Hoarding fi Triq Guzi Abela | Sindku informa lil Kunsill li s-Segretarja kiteb fuq din il-kwistjoni lil MEPA izda sal-lum għadna ma kellnix risposta. | |
| 11. | 2. | 13 | | 10.2.19 | Sindku - Impjegata Caroline Schembri | Sindku informa lil Kunsill li l-impjegata s-Sinjura Caroline Schembri ser tidħol lura għax-xogħol minn nhar it-Tnejn 5 ta' Diċembru 2011. | |
| 11. | 2. | 14 | | 10.3.4 | Sindku - Skema PPP | Sindku informa lil Kunsill li Triq Bisqallin issa lesta u din il-ġimgħa ser jingħata l-wiċċ fi Triq Lvant, kif inlestu imorru għal Triq il-Ħelsien u wara Misrah Indipendenza, Triq Sta. Katerina u Triq 25 ta' Novembru minn Misrah C. Diacono sa Triq A. Cachia Zammit. | |
| | | | | | | Skond it-tieni ftehim tal-PPP sa sajf 2012 inlestu Triq il-Palazzi, Triq Kan De Domenico, Triq Ta' Tavlin, Misraħ Mikiel Anton Vassalli (id-dawra tiegħu) u Triq Taltas u Triq M'Xlokk dejjem jekk il-kuntratt l-gdid jirrifletti l-estimi. | |
| | | | | | Xoghol fuq toroq ohra | Ix-xogħol ta' Sqaq No: 2 fi Triq Strejnu u quddiem t-tlett iħwienet fi Triq ir-Ramla/Strejnu ser jibda f'Jannar. Dan ix-xoghol ser isir mit-Trasport Malta. | |
| | | | | | | Qed nistennew biex li nifirmaw il-kuntratt fuq skema 313 (GAL Xlokk) biex jibda ix-xogħol matul Triq Strejnu sa San Niklaw. | |
| | | | | | | Triq Xrobb l-Għaġin hemm l-applikazzjoni tad-drenaġġ mill-KSI, dan il-permess ilu tlett snin biex joħroġ. Ix-xoghol mistenni jibda fil-bidu ta' 2012. | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2. | 15 | | 10.3.7 | Sindku - Triq Connaught | Sindku spejga kif waslet ittra mit-TM biex il yellow lines quddiem il-garaxx li għandu l-problema biex iddaħħal it-trakk jitwagħlu. Hawn hekk il-Kunsilliera Lisa Wille Piscopo rrimarkat li fl-istess triq resident ta' dar privata għamel il-bollards quddiem ir-residenza tiegħu biex ma jipparkjawx fuq il-bankina. Hija spjegat lil Kunsill kif xi bankini madwar iz-Zejtun jinsabu fi stat ħazin mhux biss mill-karozzi li jipparkjaw fuq il-bankina izda ukoll minn kuntratturi li jipparkjaw it-trakkijiet tagħhom fuq il-bankina. Hawn hekk is-Sindku qal li skond is-Sur Walker tal-MEPA kull kuntrattur qed tinzammlu somma flus biex meta isir xi ksur ta' bankini, it-tiswija isir minn dawn il-flus. Il-Kunsill qabel nem.com biex nitkellmu mal-MEPA. | |
| 11. | 2. | 16 | | 10.10.1 | Sindku - Proġett Sqaqien fil Kampanja | Sindku informa lil Kunsill li l-applikkajna għal dan il-proġett tal-GAL Xlokk (Mizura 125). Il-prijorita hija ghal dawk is-sqaqien fejn hemm il-full timers. | |
| 11. | 2. | 17 | | 10.10.3 | Stephanie Fenech | Il-Kunsilliera Stephanie Fenech spejgat kif fuq il-kwistjoni tal-proġett taz-Zghazagh jaqblina nirrifondu is-somma ta' €700 għax ir-regoli tagħhom huma stretti hafna. | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **11.** | **3.** | | | | **Korrispondenza** | | |
| Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML11/11. B'riferenza għal: | | | | | | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | |
| 11. | 3. | 1 | | 03 | DLG - Memo 111/2011 | Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li xi residenti minn Ġebel San Martin kienu kellmuha rigward xi ħsejjes li jiġu minn Bulebel. Il-Kunsill qabel nem.com li s-Segretarjat għandu jinforma lid-Dipartiment permezz ta' Memo 111/2011 *Noise Pollution* rigward dan. Hawn hekk il-Kunsillier Richard Darmanin irrimarka kif il-Pulizija ma iħarkux karozzi li jagħmlu ħsejjes esaġġerat, u jekk dan għandux jitqies bħala *Noise Pollution*. | **Inkarigat** |
| 11. | 3. | 2 | | 09 | DLG - Memo 117/2011 | Sindku qara din il-Memo lil Kunsill fuq l-iSkema Nazzjonali ta' għajnuna għal min hu fil-bzonn, u spejga kif bil-wiċċ tost kollu, wara li gejna totalment injorati d-Dipartiment qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill għat-trasport. | Segretarjat |
| 11. | 3. | 3 | | 10 | DLG - Memo 118/2011 | Sindku qara din il-Memo lil Kunsill fuq EIE Ecellence in Leadership Scholarship and Award, fejn qal li jekk nafu lil xi ħadd nistgħu nipproponuh. Il-Kunsillier Anthony Seychell issuġġerixxa biex din il-Memo tintbgħat lil Għaqdiet Zwieten kollha. | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 3. | 4 | | 12 | AKL - Siti Vakanti | Sindku wara li qara il-korrispondenza il-Kunsill qabel nem.com li mhux siti vakanti biss izda ukoll bankini mkissra mill-kuntratturi. | |
| 11. | 3. | 5 | | 13 | AKL - Laqgħa Plenarja għal Kunsilliera kollha | Sindku wara li saqsa minn kellu il-ħsieb li jattendi, il-Kunsill ikkonkluda li għal din il-laqgħa ser jattendu Sindku Joe Attard u l-Viċi Sindku Joan Agius. | |
| 11. | 3. | 6 | | 14 | Tony Bajada - Wasteserv | Sindku qara l-ittra lil Kunsill fejn ingħata renidkont ta' x'daħal skart mhux riċiklabbli miz-Zejtun. Huwa informa lil Kunsill li l-iskart mhux riċiklabbli naqqas waqt li dak riċiklabbli zdied. Hawn hekk il-Kunsilliera Lisa Wille Piscopo ssuġeriet sabiex tizdied ġurnata oħra fejn jinġabar l-iskart separat forsi isir il-Ħamis. Il-Kunsill ma hax deċizzjoni fuq dan naraw aktar il-quddiem. Hija ġibdet l-attenzzjoni tal-Kunsill li għadt hemm xi nies li qed joħorgu l-iskart fil-kanutineri tat-toroq u dawn huma Triq Delimara k/m Triq Dejma, Triq San Porfilju u Triq Beland. | |
| 11. | 3. | 7 | | 15 | Vince Gilson - GPD | Sindku informa lil Kunsill li sa fl-aħħar walet l-ittra li ilna nistennew sentejn, fejn ġejna nfurmati li dik il-biċċa għalaq li hemm f'Misraħ Indipendenza ser tghadi f'idejn il-Kunsill. Issa qed nistennew l-ittra minn għand l-Onor. Jason Azzopardi. | |
| 11. | 3. | 8 | | 16 | Zejtun Corinthians Youth Nurseries | Sindku qara l-ittra lil Kunsill fejn ġew mistiedna sabiex jattendu għal din l-attivita. | |
| 11. | 3. | 9 | | 17 | Andy Mifsud - Reklam fi Triq | Sindku qara l-ittra tas-Sur Mifsud fejn huwa qed jitlob sabiex iwaħħal tabelli għal reklam fi Triq Pres Anton Buttiġieġ u Triq il-Labour. Il-Kunsill qabel nem.com li jiġi nkarigat il-Kunsillier Richard Darmanin jieħu ħsieb dan il-kaz. | |
| 11. | 3. | 10 | | 19 | John Cassar - Post fis-suq taz-Zejtun | Sindku wara li qara l-ittra tas-Sur Cassar fejn huwa qed jitlob li l-post tiegħu fis-suq taz-Zejtun tinzam sa April li ġej, wara diskussjoni il-Kunsill qabel nem.com li din it-talba ma tkunx accettata ghax is-Sur Cassar ma ta l-ebda raguni. | Richard Darmanin |
| 11. | 3. | 11 | | 20 | Joseph Caruana - Misrah ir-Repubblika u Triq Ħal Bajda, Zejtun | Sindku spejga kif din l-ittra irċevejnija fit-18 ta' Awissu 2001 fejn is-Sur Joseph Caruana kien infurmana li Misraħ ir-Repubblika hija propejta tal-Gvern. Il-Kusnill qabel nem.com li l-Perit għandu jiġi nfurmat b'dan. | |
| 11. | 3. | 12 | | 22 | Mark Spiteri - Biex bejjiegħ tal-monti flok ħwejjeġ jeqleb għal Take Away | Sindku qara l-ittra lil Kunsill, fejn ġie deċiz li kiosks tat-Take Away's ma jarmgħux fis-suq taz-Zejtun. Il-Kunsill qabel nem.com. | |
| | | | | | | | |
| **11.** | **4.** | | | | **Ħlasijiet** | | |

| Riferenza | | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Il-hlasijiet ser jithallew ghal-laqgha li jmiss. | | |
| **11.** | **5.** | | | | **Rapport Finanzjarju Lulju -Settembru 2011** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | |
| | | | | | Dan is-suġġett ser jitħala għal-laqgħa li jmiss | | **Inkarigat** |
| | | | | | | | |
| **11.** | **6.** | | | | **Photovoltaic Panels fil-Kunsill** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | |
| 11. | 6. | 1 | | | Sindku | Sindku informa lil Kunsill, li ntlaħa fethim mal-kumpanija Alberta li minn għandha ser nixtru il-panelli. Il-Kunsill jer iħallas € 8 bil-garanzija. Il-ġimgħa dieħla il-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jibdew jaħdmu fuq is-sodda tal-panelli. | **Inkarigat** |
| | | | | | | | |
| **11.** | **7.** | | | | **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | |
| | | | | | NIL | | **Inkarigat** |
| **11.** | **8.** | | | | **Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | |
| 11. | 8. | 1 | | | Anthony Seychell | Il-Kunsillier Anthony Seychell informa lil Kunsill li f'Jannar li ġej il-Grupp Filatelija Zejtun ser tagħlaq 10 snin mit-twaqqif tagħha.u [illegible] postcard filatelika speċjali | **Inkarigat** |
| 11. | 8. | 2 | | | Anthony Seychell | Il-Kunsillier Anthony Seychell ringrazzjak lil Joseph Spagnol u lil Mikiel Cumbo tas-sehem tagħhom waqt intervista qasir dwar l-għana li kellna mat-tfal tas-Sekondarja Zejtun. | |
| 11. | 8. | 3 | | | Anthony Seychell | Il-Kunsillier Anthony Seychell ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li hemm bzonn li jingħata [illegible] patching fi Triq Dun Spir Grixti, il-parti id-dejqa. | |
| 11. | 8. | 4 | | | Viċi Sindku | Viċi Sindku infurmat lil Kunsill ~~il-nhar il-28 ta' Diċembru~~ ser tagħlaq l-attivita 'Tfal Jaddottaw Anzjan'. Hija qalet li din id-data jista' jkun li tiċċaqlaq għax għal dak in-nhar ġie mistieden l-Onor Mario Galea li mhux ser ikun jista jattendi minħabba safar. | fil-bidu tas-sena l-ġdida |
| 11. | 8. | 5 | | | Viċi Sindku | Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li fil-ġimgħa tal-Milied ser inzuru l-anzjani f'St Vincent de Paule. | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 8. | 6 | | | Viċi Sindku | Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq l-Isqof Zahra ħdejn id-Delmus Garage hemm problema bil-karozzi għax qed jipparkjaw bil-bumpers fuq il-bankina, u qed tkun diffiċli għal minn ikun b'xi pushchair biex jagħdi. Bħal dawn il-kazijiet hemm toroq oħra bl-istess problema bħal Misraħ il-Bjar, Triq Xandru Pulis u ħdejn il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena. Hija suġġerit forsi jitwaħħlu xi tabelli. Il-Kunsill qabel nem.com. | |
| 11. | 8. | 7 | | | Viċi Sindku | Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li kellmuha residenti minn Misraħ Indipendenza fuq permess ghal ħanut tal-logħob li hemm il-ħsieb li jiftaħ hemm hekk. Il-Kunsill qabel nem.com li s-Segretarjat għandu jikteb lil MEPA għal aktar informazzjoni. | |
| 11. | 8. | 8 | | | Viċi Sindku | Vici Sindku ġibdet l-attenzzjoni tal-Kunsill li hemm bzonn li nduru n-Notice Boards tal-Kunsill għax xi uħud minnhom ma humiex fi stat li jintuzaw. Il-Kunsill qabel nem.com. | |
| 11. | 8. | 9 | | | Sindku | Sindku informa lil Kunsill li l-Viċi Sindku ser tigradwa l-ġimgħa dieħla. Il-Kunsill kollu feraħ lil Viċi Sindku. | |
| | | | | | | | |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa 8.40pm Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00p.m.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Joe Attard | | | Anton Falzon | |
| Sindku | | | Segretarju Eżekuttiv | |